**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**Magistrat Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Giovanni Luongo**

**Illum 15 ta' Awwissu 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Giovanni Luongo, ta' sbatax-il (17) sena, bin Gennaro u Angela nee' Ambrosio, imwieled San Giuseppe Vesuviano, Italja, nhar id-19 ta' Frar 2001, residenti Windsor Hotel, Triq Windsor, Sliema, u detentur tal-Passaport bin-Numru AU9453301, talli:

1. F'xi hinijiet fil-lejl tal-erbatax (14) ta' Awwissu 2018 u l-hmistax (15) ta' Awwissu 2018, waqt li kien fis-Summer Daze Festival, li jinsab fil-BOV Adventure Park, Ta' Qali, H'Attard, u/jew f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' mobile ghamla iPhone 6 ghall-valur ta' madwar seba mija u hamsin Euro (€750), liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur u bil-hin, ghad-detrimenet ta' Mariah Zammit minn Birkirkara u/jew persuni ohra;

2. Ukoll talli fl-istess cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz;

Rat illi l-imputat wiegeb li huwa hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u rat li huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti, a tenur ta' l-

Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghat is-sottomissjonijiet dwar il-piena u semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li t-tieni akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza u li qabel ma gew istitwiti dawn il-proceduri l-mobile phone mertu ta' dawn il-proceduri gie ritornat lil sidu;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli: (i) f'xi hinijiet fil-lejl tal-erbatax (14) ta' Awwissu 2018 u l-hmistax (15) ta' Awwissu 2018, waqt li kien fis-Summer Daze Festival, li jinsab fil-BOV Adventure Park, Ta' Qali, H'Attard, u/jew f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' mobile ghamla iPhone 6 ghall-valur ta' madwar seba mija u hamsin Euro (€750), liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur u bil-hin, ghad-detrimenet ta' Mariah Zammit minn Birkirkara u/jew persuni ohra; (ii) ukoll talli fl-istess cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u dana anke wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bl-iktar mod solenni bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza dedotta fil-konfront tieghu u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza dedotta fil-konfront tieghu in kwantu hija alternattiva ghall-ewwel akkuza.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati, izda hadet in konsiderazzjoni wkoll l-eta' ta' l-imputat, il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta, li rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u li l-mobile phone mertu tal-proceduri gie ritornat lil sidu qabel ma gew istitwiti dawn il-proceduri.

Ghalhekk, wara li l-Qorti rat u kkunsidrat l-Artikoli 261(c) u (f), 267, 270, 279, u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza dedotta fil-konfront tieghu u li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza dedotta fil-konfront ta' l-imputat in

kwantu alternattiva ghall-ewwel akkuza, tqis li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hemm ragunijiet tali, u cioe' il-fedina penali netta ta' l-imputat, l-ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, l-eta' ta' l-imputat u r-restituzzjoni tal-mobile phone, li fid-dawl taghhom ma jkunx spedjenti li tigi imposta piena karcerjarja fuq l-imputat u ghalhekk tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sena (1) mill-lum, u dan skont l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

A tenur ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jaghmel reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

Ai termini ta' l-Artikolu 534AD tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti infurmat lill-imputat bid-dritt tieghu li jinghata kopja tas-sentenza f'lingwa li jifhem, izda l-imputat iddikjara li huwa sodisfatt bit-traduzzjoni orali li nghatatlu tas-sentenza waqt il-qari ta' l-istess sentenza.

Il-Qorti tordna li l-atti ta' dawn il-proceduri u din is-sentenza jigu komunikati lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-Ligi.

**Dr. Gabriella Vella**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**